



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAT-TASSAZZJONI U L-UNJONI DOGANALI
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AMBJENT
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-KUMMERĊ
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AZZJONI KLIMATIKA
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-MIGRAZZJONI U L-AFFARIJET INTERNI
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAS-SAĦĦA U S-SIKUREZZA ALIMENTARI
IS-SERVIZZ TAL-ISTRUMENTI TAL-POLITIKA BARRANIJA

Brussell, il-15 ta' Mejju 2020
REV 1 –jissostitwixxi l-avviż (“liċenzji
tal-importazzjoni / esportazzjoni) bid-data
tal-25 ta' Jannar 2018

AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE FIL-QASAM TAL-PROJBIZZJONIJIET U R-RESTRIZZJONIJIET FUQ L-IMPORTAZZJONIJIET U L-ESPORTAZZJONIJIET, B'MOD PARTIKOLARI L-LIĊENZJI TAL-IMPORTAZZJONI/ESPORTAZZJONI

Mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea u sar “pajjiż terz”¹. Il-Ftehim dwar il-Hruġ² jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020³. Sa din id-data, id-dritt tal-UE fl-intier tiegħu japplika għar-Renju Unit u fih⁴.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-UE u r-Renju Unit se jinnegozjaw ftehim dwar sħubija ġdida, li b'mod partikolari jipprevedi għal żona ta' kummerċ ħieles. Madankollu, ma hemmx ċertezza dwar jekk hux se jsir ftehim bħal dan u li jidħol fis-seħħ fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Fi kwalunkwe każ, tali ftehim johlqoq relazzjoni li, f'dak li għandu x'jaqşam mal-kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq, tkun differenti ħafna mill-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fis-suq intern,⁵ fl-Unjoni Doganali tal-UE, u fil-qasam tal-VAT u s-sisa.

Għaldaqstant, il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra dwar is-sitwazzjoni legali applikabbli wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni (il-Parti A aktar 'l isfel). Dan l-avviż jispjega wkoll ċerti dispożizzjonijiet rilevanti dwar is-separazzjoni fil-Ftehim dwar il-Ħruġ (il-Parti B aktar 'l isfel), kif ukoll ir-regoli applikabbli għall-Irlanda ta' Fuq wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni (il-Parti C aktar 'l isfel).

¹ Pajjiż terz huwa pajjiż li mhux membru tal-UE.

² Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7 (“Il-Ftehim dwar il-Ħruġ”).

³ Il-perjodu ta' tranżizzjoni jista' jiġi estiż darba b'sena jew sentejn qabel l-1 ta' Lulju 2020 (l-Artikolu 132(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ). Sa issa l-Gvern tar-Renju Unit eskluđa tali estensjoni.

⁴ Soġġett għal ċerti eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li l-ebda waħda minnhom ma hija rilevanti fil-kuntest ta' dan l-avviż .

⁵ B'mod partikolari, ftehim ta' kummerċ ħieles ma jipprevedix kunċetti tas-suq intern (fil-qasam tal-merkanzija u s-servizzi) bħar-rikonoxximent reċiproku, il-“prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini”, u l-armonizzazzjoni. U ftehim ta' kummerċ ħieles lanqas ma jneħħi l-formalitajiet u l-kontrolli doganali, inklużi dawk li jikkonċernaw l-oriġini tal-merkanzija u l-input tagħhom, kif ukoll il-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet.

Avviż lill-partijiet ikkonċernati:

Biex jindirizzaw il-konsegwenzi spjegati f'dan l-avviż, il-partijiet ikkonċernati huma partikolarment avżati jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw il-konformità wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, permezz ta' projbizzjonijiet u restrizzjonijiet, fosthom liċenzji tal-importazzjoni/esportazzjoni.

Innota li:

Dan l-avviż jagħti ħarsa ġenerali lejn il-“projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet”, b'enfasi speċifika fuq il-liċenzji tal-importazzjoni / esportazzjoni (subsett tal-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet).

Jenħtieġ li dan l-avviż jinqara flimkien mal-avviż dwar il-kwistjonijiet relatati mad-dwana, kif ukoll l-avviżi dwar projbizzjonijiet u restrizzjonijiet speċifiċi, li qegħdin jitħejjew jew ġew ippubblikati.⁶

Dan l-avviż ma jindirizzax ir-regoli dwar l-UE dwar id-drittijiet ta' proprjeta' intellettuali. Fir-rigward ta' dawn l-aspetti qegħdin jitħejjew avviżi supplimentari filwaqt li oħrajn diġà ġew ippubblikati⁷.

A. IS-SITWAZZJONI ĠURIDIKA WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI

Oqsma differenti tad-dritt tal-UE jipprevedu, fir-rigward ta' ċerta merkanzija, projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni tagħhom minn pajjiżi terzi u l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi⁸. Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-regoli tal-UE fil-qasam tal-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet mhux se jibqgħu japplikaw għar-Renju Unit⁹. Dan iwassal, b'mod partikolari, għall-konsegwenzi li ġejjin:

1. PROJBIZZJONIJIET U RESTRIZZJONIJIET

L-importazzjoni/esportazzjoni ta' ċerta merkanzija tista' tkun soġġetta għal projbizzjonijiet u restrizzjonijiet skont id-dritt tal-UE. Il-leġiżlazzjoni doganali tal-UE, jiġifieri b'mod partikolari l-Artikoli 134 u 267 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni¹⁰,

⁶ https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/preparing-end-transition-period_mt

⁷ https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/preparing-end-transition-period_mt

⁸ Il-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet jistgħu jirreferu għal merkanzija li “tidħol” fit-territorju doganali jew “toħroġ” minnu, it-“trasportazzjoni” jew il-“moviment” ta' merkanzija minn u lejn l-UE, jew għall-ħruġ għaċ-ċirkolazzjoni libera jew għal proċedura doganali oħra. F'dan l-avviż, it-termini “importazzjoni” u “esportazzjoni” għandhom jintużaw biex ikopru l-approċċi differenti fil-leġiżlazzjoni settorjali.

⁹ Dwar l-applikabbiltà tar-regoli tal-UE dwar il-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet għall-Irlanda ta' Fuq, ara l-Parti C ta' dan l-avviż.

¹⁰ Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1

tipprovdi lill-awtoritajiet doganali bl-“għodda” biex jimplimentaw projbizzjonijiet u restrizzjonijiet (dikjarazzjonijiet doganali, preżentazzjoni ta’ merkanzija, eċċ.), li huma stipulati fil-leġislazzjoni settorjali tal-UE.

Il-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet jistgħu jieħdu suriet differenti, bħal:

- Projbizzjonijiet jew impedimenti totali¹¹;
- Kontrolli meħtieġa fil-fruntiera minn awtoritajiet speċjalizzati kompetenti (saħħa, sikurezza, eċċ.)¹²;
- Restrizzjonijiet kwantitattivi taħt sistema ta’ kwoti¹³;
- Awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni tal-importatur¹⁴ jew tal-esportatur¹⁵;
- Awtorizzazzjoni / approvazzjoni min-naħa ta’ awtorità, jew notifika lil awtorità tat-trasportazzjoni (ara hawn taħt, it-Taqsima 2 tal-Parti A ta’ dan l-avviż);
- Dokumentazzjoni addizzjonali (liċenzji, permessi, ċertifikati, eċċ.) li jakkumpanjaw il-kunsinna¹⁶; jew
- Diliġenza dovuta addizzjonali min-naħa tal-importatur¹⁷.

Wara tmiem il-perjodu ta’ tranżizzjoni, il-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet japplikaw għall-importazzjonijiet mir-Renju Unit lejn l-UE,

¹¹ Pereżempju, fir-rigward tal-friegħ tal-foki (id-Direttiva tal-Kunsill 83/129/KEE tat-28 ta’ Marzu 1983 li tirrigwarda l-importazzjoni tal-ġlud ta’ ċerti friegħ tal-foki u ta’ prodotti ġejjin minnhom fl-Istati Membri, ĠU L 91, 9.4.1983, p. 30).

¹² Pereżempju, fir-rigward tal-animali haġġin (ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffċjali u attivitajiet uffċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta’ regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-animali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, ĠU L 95, 7.4.2017; p. 1).

¹³ Pereżempju, fir-rigward tal-fluoroidrokarburi (ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 tas-16 ta’ April 2014 dwar gassijiet fluorurati b’effett ta’ serra, ĠU L 150, 20.5.2014, p. 195).

¹⁴ Pereżempju, fir-rigward tal-prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem (id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x’jaqsam ma’ prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67) jew tal-prodotti mediċinali veterinarji (id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2001/82/KE tas-6 ta’ Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità rigward il-prodotti mediċinali veterinarji, ĠU L 311, 28.11.2001, p. 1.), jew tal-prekursuri tal-isplussivi (ir-Regolament (UE) 2019/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta’ prekursuri tal-isplussivi, ĠU L 186, 11.7.2019, p. 1).

¹⁵ Pereżempju, fir-rigward tal-esportazzjoni ta’ gassijiet fluorurati b’effett ta’ serra (l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014, ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1375).

¹⁶ Pereżempju, s-sallur (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007 tat-18 ta’ Settembru 2007 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokk tas-sallura Ewropea ĠU L 248, 22.9.2007, p. 17).

¹⁷ Pereżempju, l-injam (ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ottubru 2010 li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam, ĠU L 295, 12.11.2010, p. 23).

filwaqt li l-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet tal-esportazzjonijiet japplikaw mill-UE lejn ir-Renju Unit.

2. IL-LIĊENZJI TA' IMPORTAZZJONI / ESPORTAZZJONI MAĦRUĠA MIR-RENJU UNIT BĦALA STAT MEMBRU TAL-UE FUQ IL-BAŻI TAD-DRITT TAL-UNJONI

F'uħud mill-każijiet, il-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet jieħdu s-sura ta' awtorizzazzjoni / approvazzjoni/notifika obligatorja dwar kunsinna speċifika importata minn pajjiż terz lejn l-UE jew esportata mill-UE lejn pajjiż terz (minn hawn 'il quddiem "liċenzji tal-importazzjoni / esportazzjoni"),¹⁸ jiġifieri l-liċenzji tal-importazzjoni / esportazzjoni huma subsett tal-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet.

F'bosta każijiet, tali liċenzja mhijiex meħtieġa għat-trasportazzjoni ġewwa l-Unjoni, jew ir-rekwiżiti huma differenti. Il-liċenzji tal-importazzjoni / esportazzjoni normalment jinħarġu minn awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru (jew il-Kummissjoni Ewropea f'uħud mill-każi). Normalment il-konformità hija kkontrollata bħala parti mill-kontrolli doganali fl-UE.

2.1. Rekwiżit ta' liċenzji ta' importazzjoni/esportazzjoni għat-trasportazzjoni mir-Renju Unit u lejha

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, fejn ikun hemm bżonn liċenzja ta' importazzjoni / esportazzjoni, dan japplika wkoll għall-importazzjonijiet mir-Renju Unit lejn l-UE, u l-esportazzjonijiet mill-UE lejn ir-Renju Unit.

2.2. Liċenzji ta' importazzjoni/esportazzjoni maħruġa mir-Renju Unit abbażi tad-dritt tal-UE

Il-liġi tal-Unjoni tista' tipprevedi l-possibbiltà li liċenzji ta' importazzjoni / esportazzjoni jinħarġu minn Stat Membru li mhuiwix l-Istat Membru fejn il-merkanzija tidħol jew toħroġ mill-UE.

Il-liċenzji tal-importazzjoni / esportazzjoni maħruġa mir-Renju Unit fuq il-bażi tad-dritt tal-Unjoni ma jibqgħux validi għall-importazzjonijiet lejn l-UE jew għall-esportazzjonijiet mill-UE wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

B. DISPOŻIZZJONIJIET TA' SEPARAZZJONI RILEVANTI TAL-FTEHM DWAR IL-ĦRUĠ

L-Artikolu 47(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jipprevedi li, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fih, il-movimenti ta' merkanzija fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni iridu jitqiesu bħala movimenti fl-Unjoni fir-rigward tar-rekwiżiti tal-liċenzjar tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni fid-dritt tal-UE.

Eżempju: Kunsinna ta' skart, li l-moviment tagħha tkun għaddejja bejn l-UE u r-Renju Unit fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni tkun għadha tista' tidħol fl-UE jew fir-Renju Unit abbażi ta' liċenzja għal movimenti fl-UE.

¹⁸ Ara l-anness ta' dan l-avviż.

C. REGOLI APPLIKABBLI FL-IRLANDA TA' FUQ WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni japplika l-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq.¹⁹ Il-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq huwa soġġett għal kunsens perjodiku tal-Assemblea Leġiżlattiva tal-Irlanda ta' Fuq, fejn il-perjodu inizjali ta' applikazzjoni jestendi sa erba' snin wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.²⁰

Permezz tal-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq ċerti dispożizzjonijiet tal-liġi tal-UE huma applikabbli wkoll għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fil-konfront tal-Irlanda ta' Fuq. Fil-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq, l-UE u r-Renju Unit qablu wkoll li sa fejn ir-regoli tal-UE japplikaw għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, l-Irlanda ta' Fuq tiġi ttrattata daqsliekeu kienet Stat Membru.²¹

Il-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq jipprevedi li l-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet fid-dritt tal-UE²² japplika għar-Renju Unit u fih fil-konfront tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan ifisser li r-referenzi għall-UE fil-Partijiet A u B ta' dan l-avviż għandhom jinftiehem bħala li jinkludu l-Irlanda ta' Fuq, filwaqt li r-referenzi għar-Renju Unit għandhom jinftiehem li jirreferu biss għall-Gran Brittanja.

B'mod aktar speċifiku, dan ifisser, fost l-oħrajn, dan li ġej:

- Il-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet ma japplikawx għat-trasportazzjoni mill-Irlanda ta' Fuq lejn l-UE;
- Il-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet japplikaw għat-trasportazzjoni mill-Gran Brittanja lejn l-Irlanda ta' Fuq;
- Il-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet japplikaw għat-trasportazzjoni minn kwalunkwe pajjiż terz lejn l-Irlanda ta' Fuq;
- Il-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet ma japplikawx għat-trasportazzjoni mill-UE lejn l-Irlanda ta' Fuq;
- Il-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet ma japplikawx għat-trasportazzjoni mill-Irlanda ta' Fuq lejn pajjiżi terzi;
- Il-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet japplikaw għat-trasportazzjoni mill-Irlanda ta' Fuq lejn il-Gran Brittanja biss sa fejn ikunu strettament meħtieġa minn kwalunkwe obbligu internazzjonali tal-UE.²³

¹⁹ L-Artikolu 185 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

²⁰ L-Artikolu 18 tal-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq.

²¹ L-Artikolu 7(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ flimkien mal-Artikolu 13(1) tal-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq.

²² L-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq u l-Anness 2 ta' dan il-Protokoll. Fir-rigward ta' liċenzji tal-importazzjoni / esportazzjoni (jiġifieri, subsett tal-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet), ara l-kolonna 4 fl-anness ta' dan l-avviż.

B'mod aktar speċifiku rigward liċenzji tal-importazzjoni/esportazzjoni (subsett tal-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet), dan ifisser dan li ġej:

- Fejn ir-regoli tal-UE jipprevedu li l-Istati Membri jgħid li liċenzji tal-importazzjoni / esportazzjoni, ir-Renju Unit huwa responsabbli għall-ħruġ ta' dawn il-liċenzji tal-importazzjoni/esportazzjoni fil-konfront tal-Irlanda ta' Fuq;
- Il-liċenzji tal-importazzjoni/esportazzjoni maħruġa mir-Renju Unit qabel ma jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni jibqgħu validi fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq wara li jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni, sakemm ir-rekwiżiti jibqgħu jiġu ssodisfati.

Madankollu, il-Protokoll tal-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq jeskludi l-possibiltà li, fil-konfront tal-Irlanda ta' Fuq, ir-Renju Unit

- jipparteċipa fit-teħid ta' deċiżjonijiet u fit-tfassil tad-deċiżjonijiet tal-Unjoni²⁴;
- jibda proċeduri ta' oġġezzjonijiet, salvagwardja jew arbitraġġ sa fejn ikunu jikkonċernaw regolamenti, standards, valutazzjonijiet, reġistrazzjonijiet, ċertifikati, approvazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet maħruġa jew eżegwiti mill-Istati Membri tal-UE;²⁵
- jaġixxi bħala l-awtorità ewlenija għall-valutazzjonijiet, l-eżamijiet u l-awtorizzazzjonijiet²⁶;
- jinwoka r-rikonossiment reċiproku ta' liċenzji maħruġa mir-Renju Unit fil-konfront tal-Irlanda ta' Fuq²⁷.

B'mod aktar speċifiku, dan ifisser, fost l-oħrajn, dan li ġej:

- Liċenzja tal-esportazzjoni maħruġa mir-Renju Unit fil-konfront tal-Irlanda ta' Fuq ma tistax tiġi invokata għat-trasportazzjoni mill-UE lejn pajjiż terz;
- Liċenzja tal-importazzjoni maħruġa mir-Renju Unit fil-konfront tal-Irlanda ta' Fuq ma tistax tiġi invokata għat-trasportazzjoni minn pajjiż terz lejn l-UE; kif ukoll
- Ir-Renju Unit ma jistax jgħid li liċenzji tal-UE fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq²⁸.

²³ L-Artikolu 6(1) tal-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq. Fir-rigward ta' liċenzji tal-importazzjoni / esportazzjoni (jiġifieri, subsett tal-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet), ara l-kolonna 3 fl-anness ta' dan l-avviż. Is-servizzi tal-Kummissjoni se jippubblikaw informazzjoni settorjali addizzjonali dwar din il-kwistjoni fil-futur.

²⁴ Fejn ikun hemm il-bżonn ta' skambju ta' informazzjoni jew ta' konsultazzjoni reċiproka, dan isir fil-grupp ta' ħidma konsultattiv konġunt stabbilit mill-Artikolu 15 tal-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq.

²⁵ Il-ħames subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq.

²⁶ L-Artikolu 13(6) tal-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq.

²⁷ L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq.

Is-siti web msemija fl-anness jipprovdu informazzjoni ġenerali dwar liċenzji ta' importazzjoni/esportazzjoni. Dawn il-paġni jiġu aġġornati b'informazzjoni addizzjonali, fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea

Id-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali

Id-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent

Id-Direttorat Ġenerali tal-Kummerċ

Id-Direttorat Ġenerali għall-Azzjoni Klimatika

Id-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni

Id-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari

Is-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija

²⁸ Pereżempju, kif inhu previst fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2368/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 li jimplimenta l-iskema ta' ċertifikazzjoni tal-Kimberley Proċess fil-kummerċ internazzjonali ta' djamanti mhux maħduma.

ANNEX: MERKANZIJA SOĠĠETTA GĦAL LIĊENZJI TA' IMPORTAZZJONI / ESPORTAZZJONI

Merkanzija	Leġiżlazzjoni, (id-Direttorat Ġenerali <i>chef de file</i>)	Kummenti oħra	Referenza fl-Anness 2 għall-protokoll tal-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq
Ambjent, klima u l-bijodiversità			
Skart ²⁹	Ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeggji ta' skart ³⁰ (DĠ ENV)	Jimplimenta l-Konvenzjoni ta' Basel	Taqsim 25
Ċerti kimiki perikolużi ³¹	Ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi ³² (DĠ ENV)	Jimplimenta l-Konvenzjoni ta' Rotterdam u ta' Stokkolma	Taqsim 23
Sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu ³³	Ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu ³⁴ (DĠ CLIMA)	Jimplimenta l-Protokoll ta' Montreal	Taqsim 26

²⁹ Għal aktar informazzjoni, irreferi għas-sit web tematiku: <http://ec.europa.eu/environment/waste/shipments/index.htm>.

³⁰ ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1.

³¹ Għal aktar informazzjoni, irreferi għas-sit web tematiku: http://ec.europa.eu/environment/chemicals/trade_dangerous/index_en.htm.

³² ĠU L 201, 27.7.2012, p. 60.

³³ Għal aktar informazzjoni, irreferi għas-sit web tematiku: https://ec.europa.eu/clima/policies/ozone/ods_mt.

Merkurju u ċerti taħlit ta' merkurju ³⁵	Ir-Regolament (UE) Nru 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar il-merkurju ³⁶ (DĠ ENV)	Jimplimenta l-Konvenzjoni ta' Minamata	Taqsimha 26
Organiżmi modifikati ġenetikament ³⁷	Ir-Regolament (KE) Nru 1946/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2003 dwar il-movimenti transkonfinali ta' organiżmi modifikati ġenetikament ³⁸ (DĠ SANTE)	Jimplimenta l-Protokoll ta' Cartagena	Taqsimha 35
Kampjuni ta' speċi fil-periklu ³⁹	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom ⁴⁰ (DĠ ENV)	Jimplimenta l-Konvenzjoni ta' Washington	Taqsimha 26

³⁴ ĠU L 286, 31.10.2009, p. 1.

³⁵ Għal aktar informazzjoni, irreferi għas-sit web tematiku: http://ec.europa.eu/environment/chemicals/mercury/regulation_en.htm.

³⁶ ĠU L 137, 24.5.2017, p. 1.

³⁷ Għal aktar informazzjoni, irreferi għas-sit web tematiku: https://ec.europa.eu/food/plant/gmo/transboundary_en.

³⁸ ĠU L 287, 5.11.2003, p. 1.

³⁹ Għal aktar informazzjoni, irreferi għas-sit web tematiku: http://ec.europa.eu/environment/cites/index_en.htm.

⁴⁰ ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1.

Skart radjuattiv u fjuwil użat	Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/117/Euratom tal-20 ta' Novembru 2006 dwar is-superviżjoni u l-kontroll ta' vjaġġi ta' skart radjuattiv u ta' kombustibbli nukleari eżawrit ⁴¹ (DĠ ENER)		Taqsim 25
	Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/70/Euratom tad-19 ta' Lulju 2011 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għall-ġestjoni responsabbli u sikura ta' fjuwil użat u skart radjuattiv ⁴² (DĠ ENER)		
Sigurtà			
Prekursuri tad-drogi ⁴³	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005 tat- 22 ta' Diċembru 2004 li jistabbilixxi regoli għall-monitoraġġ ta' kummerċ fil-prekursuri ta' drogi bejn il-Komunità u pajjiżi terzi ⁴⁴ (DĠ TAXUD)	Jimplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Traffikar Illeċitu ta' Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi	Il-Kummissjoni qiegħda tipproponi li dan ir-Regolament jiġi elenkat fit-Taqsima 23 ⁴⁵
“Oġġetti b’Użu Doppju” ⁴⁶	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-tranżitu ta' oġġetti b' użu doppju ⁴⁷		Taqsim 47

⁴¹ L 337, 5.12.2006, p. 21.

⁴² ĠU L 199, 2. 8. 2011, p. 48.

⁴³ Għal aktar informazzjoni, irreferi għas-sit web tematiku: https://ec.europa.eu/taxation_customs/business/customs-controls/drug-precursors-control_en.

⁴⁴ ĠU L 22, 26.1.2005, p. 1.

⁴⁵ L-Artikolu 164(5)(d) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

⁴⁶ Għal aktar informazzjoni, irreferi għas-sit web tematiku: <http://ec.europa.eu/trade/import-and-export-rules/export-from-eu/dual-use-controls/>

	(DĠ KUMMERĊ)		
Armi tan-nar u munizzjon ⁴⁸	Ir-Regolament (UE) Nru 258/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li jimplimenta l-Artikolu 10 tal-Protokoll tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-iffabrikar illeċitu ta' u l-ittraffikar fl-armi tan-nar, il-partijiet, komponenti u munizzjon tagħhom, li tissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-kriminalità organizzata transnazzjonali (il-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar) u li jstabilixxi awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni, u miżuri rigward l-importazzjoni u t-transitu għall-armi tan-nar, il-partijiet u l-komponenti tagħhom u l-munizzjon ⁴⁹ (DĠ HOME)	Jimplimenta l-Protokoll tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-iffabrikar illeċitu u t-traffikar tal-armi tan-nar, il-partijiet u l-komponenti u l-munizzjon tagħhom, li jissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali (il-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar)	Taqsimha 47
Tagħmir u teknoloġija militari ⁵⁰	Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta' Diċembru 2008 li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari ⁵¹ (SEAE)		
Oħrajn			
Embargo fuq	Id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (PESK) adottati skont l-Artikolu 29 TUE		

⁴⁷ ĠU L 134, 29.5.2009, p. 1.

⁴⁸ Għal aktar informazzjoni, irreferi għas-sit web tematiku: https://ec.europa.eu/home-affairs/what-we-do/policies/organized-crime-and-human-trafficking/trafficking-in-firearms_en.

⁴⁹ ĠU L 94, 30.3.2012, p. 1.

⁵⁰ Il-Lista Militari Komuni tal-UE taġixxi bħala punt ta' referenza għal-listi nazzjonali ta' teknoloġija u tagħmir militari tal-Istati Membri, iżda ma għandhiex tissostitwixxihom direttament. L-aktar verżjoni reċenti tal-Lista Militari Komuni tal-UE ġiet ippubblikata fil-ĠU C 97, 28.3.2017, p. 1.

⁵¹ ĠU L 335, 13.12.2008, p. 99.

I-armi	(SEAE) Lista sħiħa ta' miżuri restrittivi (sanzjonijiet) tinsab fil-mappa ta' sanzjonijiet fis-sit web disponibbli hawn: https://www.sanctionsmap.eu/ .		
Restrizzjoniji et kummerċjali fuq il-merkanzija	Ir-Regolamenti tal-Kunsill adottati skont l-Artikolu 215 tat-TFUE (SEAE) Lista sħiħa ta' miżuri restrittivi (sanzjonijiet) tinsab fil-mappa ta' sanzjonijiet fis-sit web disponibbli hawn: https://www.sanctionsmap.eu/ .		Taqsimi 47
Oġġetti kulturali ⁵²	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 116/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali ⁵³ (DĠ TAXUD)		Taqsimi 47
	Ir-Regolament (UE) 2019/880 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-introduzzjoni u l-importazzjoni ta' beni kulturali ⁵⁴ (DĠ TAXUD)	Japplika mhux aktar tard mit-8 ta' Ġunju 2025 (għajr l-Artikolu 3(1), li japplika mit-28 ta' Diċembru 2020)	Il-Kummissjoni qiegħda tipproponi li dan ir-Regolament jiġi elenkat fit-taqsimi 47 ⁵⁵

⁵² Għal aktar informazzjoni, irreferi għas-sit web tematiku: https://ec.europa.eu/taxation_customs/business/customs-controls/cultural-goods_en.

⁵³ ĠU L 39, 10.2.2009, p. 1.

⁵⁴ ĠU L 151, 7.6.2019, p. 1.

⁵⁵ L-Artikolu 164(5)(d) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

Djamanti mhux maħduma ⁵⁶	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2368/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 li jimplimenta l-iskema ta' ċertifikazzjoni tal-Kimberley Proċess fil-kummerċ internazzjonali ta' djamanti mhux maħduma ⁵⁷ (DĠ FPI)	Jimplimenta l-Iskema ta' Ċertifikazzjoni tal-Kimberley Proċess	Taqsimi 47
Ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għal pjeni tal-mewt/tortura ⁵⁸	Ir-Regolament (UE) Nru 2019/125 tas-16 ta' Jannar 2019 dwar il-kummerċ ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pjeni krudili, inumani jew degradanti oħra ⁵⁹ (DĠ FPI)		Taqsimi 47
Awtorizzazzjoni jew restrizzjoni tal-esportazzjoni fil-każ ta' nuqqas ta' prodotti essenzjali	Ir-Regolament (UE) 2015/479 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 dwar regoli komuni għall-esportazzjoni ⁶⁰ (DĠ KUMMERĊ)		Taqsimi 4

⁵⁶ Għal aktar informazzjoni, irreferi għas-sit web tematiku: http://ec.europa.eu/dgs/fpi/what-we-do/kimberley_process_en.htm.

⁵⁷ ĠU L 358, 31.12.2002, p. 28.

⁵⁸ Għal aktar informazzjoni, irreferi għas-sit web tematiku: http://ec.europa.eu/dgs/fpi/what-we-do/anti-torture_measures_en.htm.

⁵⁹ ĠU L 30, 31.1.2019, p. 1.

⁶⁰ ĠU L 83, 27.3.2015, p. 34.

